KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 38** **Tnejn 13 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsilli Lokali Mosta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-sebgħa u nieqes kwart ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
Rachel Tua – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

**33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 37

Il-minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017 ġew approvati unanimament.

### 33.2.1 Punti mqajma mil-minuti Nru 33.5.2 u 33.5.3

Il-Kunsillier Alex Muscat saqsa jekk il-ħames *tenders* ġewx ippublikati. Is-segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li tlieta diġa ġew ippubikati, imma tnejn minnhom irridu jerġgħu joħorġu peress li għalkemm li *spec sheet* tal-GPP ġiet *downloaded* mis-sit, xorta kellha bżonn tiġi *updated,* u d-dipartiment tat-*tenders* ma aċċettax li nagħmlu *clarification.*

Dawn huma:

- The Cleaning and Upkeep Of Public Conveniences
- Cleaning Services at the Mosta Local Council Premises

Il-Kunsillier Keith Cassar fakkar li kien sar qbil bejn il-Kunsilliera li qabel ma joħorġu *tenders* għandhom jintbagħtu lil kunsilliera ħalli jiġu diskussi waqt il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dawn il-ħames *tenders* intbagħtu lil kunsilliera kollha għal *feedback* tagħhom iżda ħadd ma bagħat kummenti, u peress li dawn kienu urġenti nħarġu peress li kull *tender* jiġi annalizzat mil-*monitoring unit* tad-DLG.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ż-żewġ *tenders* li kellhom bżonn *update* fl'*ispecification sheet* ħa jinħarġu l-ġimgħa dieħla, u nfurmat lil Kunsilliera li *tenders* futuri ħa jibdew jintbagħtu lil kunsilliera qabel biex jinqraw u jiġu diskussi fil-laqgħat qabel ma jiġu ppublikati.

### 33.2.2 Punti mqajma mil-minuti Rapporti oħrajn mis-Sindku Ivan Bartolo

Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk kienx hemm up-date mingħand il-Perit fuq Ġnien Kevin Vella. Is-Sindku nforma li kontinwament qed jitkellem ma' waħda mill-Periti tiegħu, minħabba li qed isiru xi alterazzjonijiet li huma mitluba mis-CRPD. Sadanittant is-Sindku spjega wkoll li hemm sotto-kumitat tad-Diżabilita fi ħdan Mosta Solidali li qed isegwi l-kriterji mitluba. Dan il-proċess ser ihaffef l-applikazzjoni meta tidħol fil-Planning Authority.

### 33.2.3 Punti mqajma mil-minuti Rapporti oħrajn mis-Sindku Ivan Bartolo

Is-Sindku informa lil Kunsilliera li hemm spiża biex il-ġebel tal-Parkour jitneħħew, għalhekk ħa nistennew naqra, forsi nsibu xi kuntrattur voluntier li jista jgħin. Is-Sindku talab li jekk xi ħadd mill-Kunsilliera jkunu jafu b'xi ħadd li jista jgħin fit-tneħħija tal-ġebel tal-Parkour, jkun ħafna t'għajnuna peress li din tinvolvi spiża sew.

### 33.2.4 Punti mqajma mil-minuti Rapporti oħrajn mis-Sindku Ivan Bartolo

Il-Viċi Sindku Keith Cassar saqsa fejn waslu *requests* li saru lil Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kull *request* tintbagħat lil Transport Malta, u malli nirċievu l'*approvals* dawn jibdew jiġu mplimentati.

Il-Viċi Sindku, ssuġerixxa li forsi nikkunsidraw wkoll dwal li jkollhom *solar panel.* Is-Segretarju Eżekuttiv ikkumentat li taqbel, u nkunu nistgħu nikkunsidraw li nġibu *quotations,* pero' wkoll jiddependi kemm jiswew.

### 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku/Korrispondenza

- Is-Sindku Ivan Bartolo nforma lil Kunsilliera li iltaqa' ma' Marco Briffa (ex. Handyman tal-Kunsill), fejn is-Sur Briffa pprovda dokumenti li kien għadu ma tħallasx għat *time in lieu.* Is-Sindku qal li dawn id-dokumenti qatt ma kien rahom u għalhekk talab lil Kunsilliera biex jarawhom, ħalli titieħed deċizjoni. Is-Sindku nforma li s-Sur Briffa kien lest illi flok 501.98c Ewro, jiġi mħallas 350 Ewro u jieħu l-mutur tal-ħart li huwa mitluq fil-*garage.*

  Il-Kunsilliera qablu li s-Sur Briffa jiġi mħallas 350 Ewro *plus* il-mutur tal-ħart, dejjem jekk il-mutur tal-ħart ma jiswiex iktar milli hu dovut.

- Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li 'l-Kunsill għandu kamra mwarba fi ġnien l-Għarusa tal-Mosta, u ġie avviċinat mis-Sur George Sammut fejn jixtieq li juża din il-kamra kif wkoll il-biċċa ġnien li kienet tintuża mil-ELC biex irrabbi in-naħal. Is-Sur George Sammut lest li jnaddaf il-kamra u jieħu ħsieb il-ġnien.

- Il-Kunsillier Alex Muscat informa lil Kunsilliera li hu wkoll ġie avviċinat mis-Sur Sammut, u talab li nivverifikaw li din l'*area* hija tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tiprovdi *site plan* lil Kunsillier Alex Muscat ħalli nkunu ċerti fuq it-talba tal-*area* in kwestjoni. Il-Kunsilliera qablu unanimament, li kif l'*area* msemmija tiġi vverifikata, nkunu nistgħu nikkonfermaw lis-Sur Sammut biex jkun jista juża bħala *Bee Apiary.*

- Is-Sindku nforma lil Kunsilliera fuq il-Wirja ta' l-Għasafar li ssir kull sena għal ħabta ta' Novembru. L'għaqda avviċinaw lis-Sindku għax kienu sorpriżi li ħa jiġu *charged* 350 Ewro biex jużaw is-sala għal 3 ijiem, meta dawn is-soltu jħallsu 100 Ewro.

  Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li kif tiġi *charged* is-sala l'anqas biss tkopri l'ispejjes tagħha, għalhekk il-prezz tal-kiri tas-sala huwa minimu ħafna biex jinġabar imqar xi ħaġa zgħira biex inkopru ftit mil'ispejjes, għalhekk

l'għaqda tal-wirja ta' l'għasafar ġew *charged* bħalma jħallsu entitajiet oħra li jitolbu s-servizz tal-użu tas-sala, barra min hekk dawn fl'ebda ħin ma qalu li din hija wirja tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera li jista jkun ħa jagħmlu xi tip ta' *entrance fee.*

Il-Viċi Sindku nforma li jekk ħa jkun hemm xi *entrance fee* ma jaqbilx li s-sala tkun b'xejn, imma jekk le għandha tingħata kif dejjem sar kul sena, għax din hija wirja li dejjem saret mil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li dawn kull sena jħallsu 100 Ewro għal-3 ijiem tal-wirja, u għalhekk ħa tikkonferma jekk ħa jkunx hemm xi tip ta' *fee,* jekk le immexxu bħas snin ta' qabel.

**33.3.1 Korrispondenza – Drug Seminar within Aġenzija Sedqa**

Dan is-*seminar* ħa jsir taħt Mosta Solidali b'kollaborazjoni ma' Aġenzija SEDQA. Il-Kunsilliera qablu li dan is-*seminar* jsir bla ħlas.

**33.3.2 Korrispondenza – Road Markings**

Il-Kunsillier Alex Muscat ta' rendikont fejn fil-passat kienet saret talba biex jsiru *road markings* mil-iskema ta' fondi li dak iż-żmien kienet is-CPPS, madwar il-Mosta kollha biex fejn m'hemx jsiru, pero din ma kenitx ġiet approvata. Maż-żmien din il-proposta ġiet diskussa mad-*developers* tal-PAMA u Sur Buttigieg, fejn ġie ssuġeriet li terġa issir it-talba taħt il-*planning fund* il-ġdid.

Is-Sindku Ivan Bartolo nforma li kellna *meeting* ma Transport Malta fejn ġibdulna l'attenzjoni li ħa jibdew jduru l'*inspectors* tagħhom biex jitneħħew *road markings* li saru bla permess jew li huma llegali. Il-Kunsillier Alex Muscat informa li t-talba tagħna kienet differenti, fejn jsiru *road markings* fejn m'hemx billi nagħmlu t-talbiet tagħna ma Transport Malta, allura b'hekk nkunu wkoll qed nirregolizaw ruħna. Il-Kunsillier Alex Muscat qal wkoll li 'l Perit kien għamel studju ta' kif jistgħu jsiru *road markings* għax ridna niġġustifikaw kif ser jintużaw il-fondi, għax b'dan l'istudju konna wkoll ħa nerbħu partita *parking spaces.* Il-Kunsillier Alex Muscat qal wkoll li issa bil-*planning fund* nkunu nistgħu nagħmlu anke *tarmac* u *concrete imprint,* u nkunu nistgħu nagħmlu ftit proġetti kapitali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekja liema jiġi l'irħas bejn *tarmac* u *concrete imprint* mal Perit, ħalli nkunu nistgħu nagħmlu *works order* biex nibdew naħdmu fuq Triq il-Ġnejna, Triq Dun Mikiel Scerri u Triq Charles Vassallo. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsilliera li qabel ma jibda jsir ix-xogħol, l'ispiża tal-fondi trid tiġi approvata mil-Planning Authority.

### 33.3.3 Korrispondenza - Home Water Prevention

Is-Sindku qara l-ittra u ħa jiltaqa mal-kumpanija għal iktar informazjoni.

### 33.3.4 Korrispondenza – One way -Triq it-Tengħud tax-Xagħri u Triq il-Kaħwiela

Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa pubblika.

### 33.3.5 Korrispondenza – Quotes for Cold Asphalt

Dawn ġew approvati.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar saqsa għalfejn dawn il -*quotations* reġgħu ġew inklużi f'dawn il-minuti peress li kienu diġa ġew approvati qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li r-raġuni hija għaliex bħala *cold asphalt* il-Kunsill nefaq aktar min-norma u dak li ġie approvat, peress li kien hemm ħafna *patching* xi jsir.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li *road humps* li saru fi Triq il-Ħtajriet hemm bżonn li jinżebgħu u jsiru *signs*. Il-Viċi Sindku qal wkoll li dawn ir-*road humps* saru forma ta kaxxa, barra minnhekk diġa qed jinżel it-*tarmac,* il-parti fejn ir-roti tal-karozzi jgħaddu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li *road humps* jsiru bil-qisien eżatt skont il-proċeduri ta' Transport Malta, u dejjem jinżebgħu u jsiru t-tabelli, għalhekk jista jkun li dawn ħa jsiru dalwaqt, peress li r-*road humps* għadhom kemm jsiru. Fil-każ tat-*tarmac* li qed iċedi, is-Segretarju Eżekuttiv għandha tmur tiċċekja ma Philip.

### 33.3.6 Korrispondenza - Proposta Bollard fil-kantuniera ta Triq il-Midbaħ

Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir *site visit* biex naraw jistawx jsiru *plastic bollards.*

### 33.3.7 Korrispondenza- Ilment fuq sqaq li hemm fejn il-każin tal-Boċċi

Is-Sindku qara l-korrispondenza mingħand in-Neokatekomunali, fejn talbu biex jsir xi ħaga fl'isqaq quddiem il-klabb tal-boċċi, fejn qed jsiru inċidenti u ħsarat fuq vetturi, peress li jkun hemm karozzi li jippruvaw jduru. Għalhekk qed jiproponu li jinfetaħ dan l'isqaq b'mod speċjalment Sibtijiet u Ħdud.

Il-Kunsilliera qablu li jinfetaħ l'isqaq Sibtijiet u Ħdud min-Neokatekomunali, għax jekk jinfetaħ l'isqaq xorta jkun hemm periklu għal min għaddej bil-mixi. Eventwalment jekk din il-prova ma tirnexix, jista jersaq il-*bollard* iktar lura biex il-karozzi jkunu jistgħu jduru.

### 33.3.8 Korrispondenza – Cirkulari 21/M4.3 Funds for Rural Roads

Il-Kunsilliera qablu biex nitkellmu mal-Perit biex jagħmel rapport ħalli nġibu stima biex nkunu nistgħu nitolbu l-fondi għal Triq tal-Biżbiżija, *side streets* fil-Bidnija, u triq li tieħdok min fuq il-*Victoria lines* li tgħaddi min quddiem il-batterija li tasal u toħroġ għal Mġarr.

Il-Kunsillier Alex Muscat semma wkoll li rridu nieħdu ħsieb mil-aktar fis possibli il-*bridge* tal-Bidnija, u 'l Viċi Sindku Keith Cassar informa li diġa ħarġet *works order* fejn il-Perit ħareġ *short term measure* għal xibka bil-konkos u tarmac fuqa, u *long term measure.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienu iltaqaw mal-kuntrattur biex l'ewwel jsir ix-xogħol fuq il-wiċċ tal-*bridge*, imbagħad jkompli x-xogħol fuq il-kolonni, peress li minħabba l'ilmijiet tax-xita t-tieni fażi trid issir fis-sajf.

Il-Kunsillier Alex Muscat, qal li dan ix-xogħol għandu jsir min Transport Malta peress li dan il-pont iservi lil-bdiewa, BĦALA PARTI MIL FONDI TA' RURAL ROADS.

### 33.3.9 Korrispondenza – Pending Invoice ELC Works

L'*invoices* ġew approvati, u l-Kunsilliera qablu li 'l-ħlas għandu jsir fi tlett pagamenti.

Sospensjoni tal-minuti biex tinqara l'*email* 33.3.12, u jitkellem is-Sur Mark Cassar (resident).

### 33.3.10 Korrispondenza – Minuti Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Alex Muscat ta' *brief* fuq il-laqgħa li saret l'OPM minħabba li hemm varji *stakeholders* involuti; MSDEC, MTI-MELP, Mosta Local Council, MCAST u OPM bħala koordinatur.

- Fejn il-layout tal-ġnien ħa jibqa kif inhu
- Ħa jsir pavimentar mil-ġdid
- Bankijiet ġodda
- Dawl (li hija spiża kbira biex jingħadda u jinġieb id-dawl ta' 3 *phase*)

Il-Kunsillier Alex Muscat informa lil membri li fuq id-dawl talab reviżjoni ta' l'istima ta' 35,000 Ewro, peress li dan l'ammont ħa jittieħed mil-flus li ġew ivvutati biex jsir dan il-ġnien. Il-membri ġew infurmati wkoll li 'l-Kunsillier Alex Muscat informa lil lis-*stakeholders* li jista jkun li 'l Kunsill jibdel il-pożizzjoni tiegħu u l'*agreement* jiġi rivedut.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li dan il-ġnien huwa tal-Gvern u mhuwiex devolut lil Kunsill, imma bħala *maintenance* jaqa taħt ir-responsabilta tal-Kunsill. Għalhekk Il-Viċi

Sindku rrimarka li qabel ma neħduħ taħt idejna, irridu noqgħodu attenti għax biex jinżamm tajjeb irridu ħafna flus.

Il-Kunsillier Alex Muscat, qal li dan il-ġnien ġej *category* 2 li jfisser li it-tip ta' pjanti u siġar jkunu *low maintenance,* kif wkoll hemm il-ħsieb li bħala ġnien jkun *manned* b'*security,* li din hija *policy* ta' kull ġnien/*park* li qed jiġu nvestiti flus. Għalhekk irid jiġi deċiż li kif dan il-ġnien ħa jkun lest, dan ħa jkollu potenzjal kummerċjali kbir.

Il-Viċi Sindku reġa nsista li dan il-ġnien ħa jinvolvi spejjes kbar biex tinżamm il-manutenzjoni tiegħu, fejn il-ġonna fil-Mosta, eskluż il-Ġnien Għarusa tal-Mosta, diġa il-Kunsill jonfoq ma 80,000 Ewro fis-sena, u tajjeb li jkun hemm diskussjoni iktar fil-fond, anke fuq il-possibilta ta kuntratt PPP, kif ġie ssuġġerit mil-Kunsillier Alex Muscat.

Is-Sindku Ivan Bartolo ssuġġerixxa li nerġgħu nitkellmu fil-laqgħa li jmiss, biex kulħadd jaħseb ftit fuq xi idejat u x'nistgħu nagħmlu.

Il-Kunsillier Alex Muscat saqsa jekk kienx hemm xi laqgħa mal-Ministeru tat-Turizmu, u s-Sindku kkonferma li hu u Il-Kunsillier Karl Tanti iltaqgħu ġurnata qabel ma saret il-*press release* fuq il-Ġnien l'Għarusa tal-Mosta, u tkelmu mas-Sur Oliver Farrugia fuq il-ħuġġieġa ta' San Gwann kif wkoll fuq Turizmu in ġenerali fil-Mosta. Is-Sindku nforma lil membri li s-Sur Oliver Farrugia infurmaħ li 'ltaqa mal-Perit fejn qal li kellu proġett f'moħħu.

Il-Kunsillier Alex Muscat u Il-Viċi Sindku Keith Cassar ikkumentaw li ma ħadux pjaċir kif saret l'istedina tal-*press release* fuq il-ġnien l'Għarusa tal-Mosta għax kellu jkun hemm il-Kunsill preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l'*email* intbagħtet ġurnata qabel, inqas minn 24 siegħa ma saret il-*press release,* fejn l'*email* kienet biss notifikazzjoni u mhux stedina lil Kunsill biex jattendi.

**33.3.11 Korrispondenza - Qtugħ ta ħaxix ħażin u għoli fil-bidu ta' Triq il-~~Kurat~~ SAMMY Calleja**

Is-Sindku qara l'ittra. Huwa qal li għandu jiġi nfurmat il-kuntrattur Wilson, fuq il-bżonn immedjat biex jinqata il-ħaxix ħażin. Kif wkoll biex jsir appuntament ieħor ma Wilson, fejn għalkemm sar sforz minn naħa tal-kuntrattur biex jitjieb is-servizz, xorta għad fadal xi żoni fejn il- ħaxix ħażin għadu ma nqatax.

**33.3.12 Korrispondenza - Email-PC 0039/09- site area known as tad-Dib , Triq it-torri, Durumblat, Alofju Wignacourt, Mitħna ,Triq il-Ballata**

Is-Sindku qara il-korrispondenza, fejn f'dan il-ħin ħalla lis-Sur Mark Cassar jitkellem fuq l'*email* li bagħat. Is-Sur Cassar qal lil Kunsill kemm hu preparat peress li dan il-proġett ħa jġib miegħu ma l'elfejn resident fil-Mosta.

Punti oħra li semma is-Sur Mark Cassar huma dawn:

- Li 'l Kunsill ħa jkolli jieħu ħsieb u jikkonsidra fejn jidħlu skejjel għat-tfal.
- *Traffic management* għax ħa jkun hemm iktar volum ta' karozzi fi toroq.
- Problema ta' *parking,* għax it-toroq tal-madwar mhux ħa jifilħu iktar *parking.*

Is-Sindku Ivan Bartolo rringrazzja lir-resident is-Sur Mark Cassar.

F'dan il-ħin (21:48) il-kunsilliera Rachel Tua u Mario Sammut talbu biex jiġu skużati għax kellhom bżonn jitilqu.

**33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**33.5 Rapporti**

33.5.1 Il-Viċi Sindku Keith Cassar irraporta li attenda *meeting* fuq *maintenace* ta' *playing fields,* fejn hemm grupp ta' kor iffurmat minn *businesses,* fejn jiġbru in-nies tal-lokal hu jagħmlu CSR (*Corporate Social Responsibility*), mhux forma ta' karita imma fi proġetti. F'dan il-*meeting* kien hemm is-Sinjura Helga Ellul li tirrappreżenta *businesses* żgħar u l-GRTU, fejn huma jkelmu l-*businesses* tal-lokal u jgħinuna fil-proġetti tagħna bħal *maintenance* ta' *parks and gardens* ta' *playing fields* u jsir forma ta' PR fejn tgħid li dan qed jiġi *maintained* minn kumpanija.

Il-Viċi Sindku waqt din il-laqgħa nforma li 'l Kunsill għandu zewġ *playing fields* li ħa jiġu *maintained* mil-PAMA b'forma ta' penali maħruġa mill-Planning Authority, u għalhekk informa li tat-Targa Battery huwa post fejn hemm bżonn *maintenance* kbir peress li dan huwa post ta' Heritage.

Is-Sinjura Helga Ellul infurmat lil Viċi Sindku li dan huwa *one off project* fejn jidħlu kumpanijji oħra u mhux tal-lokal biss. Għalhekk il-Viċi Sindku nforma lil membri tal Kunsill li irridu nippreżentaw proġett biex huma jikkuntatjaw *businesses,* u jaraw x'interess hemm biex imexxu dan il-proġett.

Waqt dan il-meeting ġie ssuġġeriet wkoll li playing fields suppost jkollhom xi tip ta' insurance, għalhekk jkun tajjeb li forsi jiġi kkunsidrat li issir insurance waħda, u mhux għal kull playing field, għalhekk l'għaqda għanda titkellem mal-businesses biex jikkunsidraw li 't-tariffi jkopru lil Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex.

33.5.2 Il-Kunsillier Alex Muscat talab biex niġbdu l'attenzjoni lil Transport Malta peress li Vjal l'Indipendenza taqa' taħthom. Fejn il-ħanut R&G kien għamel proġett u wessgħa l-bankina temporanjament, pero' ta' l'R&G qadt ma reġa rranġa l-bankina kif kienet. Il-Kunsilliera qablu li nitkelmu ma l'R&G, biex jerġa jagħmel il-bankina kif kienet, u jekk hemm bżonn nirrapurtaw lil Transport Malta.

33.5.3 Il-Kunsillier Alex Muscat saqsa jekk nistgħux nagħtu permess għal bejjiegħa ġodda li jixtieq il-permess biex jbiegħu l-qagħaq, fuq *hawkers stand* li ma jintużax. Il-Viċi Sindku Keith Cassar qal li l'ex Aġent Segretarju Eżekuttiv kien waqfu għax legalment dan ma setgħax jsir, li jingħata il-post ta' persuna oħra li baqa' jħallas il-permess lil xi bejjiegħ ieħor, anke jekk il-post tal-permess mhux qed jintuża.

Il-Kunsilliera Rachel Tua għandha tigwida lil Kunsill b'mod legali jekk il-Kunsill jistax joħroġ permessi għal kull min jixtieq japplika fuq *first come first serve basis*, u mhux skont il-post.

33.5.4 Il-Kunsillier Frans Deguara talab biex il-*video* li sar taż-żagħżagħ SOCJETA FILARMONIKA STA. MARIJA jiġu nfurmati li 'l Kunsill ma kellux x'jaqsam mal-produzzjoni, għax ilmentaw li ma kellhomx prominenza daqs ħaddieħor. Il-ġist ta' dan il-*video* kien PR għal Mosta u mhux biex xi ħadd jipromwovi xi għaqda partikolari.

Il-Kunsillier Gianluca Busuttil għandu jkellem li Zack waqt il-laqgħa taż-żagħżagħ.

**33.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**33.6.1 Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**33.6.2 Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**33.6.3 Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**33.6.4 Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**33.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet 10:30pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' April 2017 fis-7.00pm.

Konfermati llum **13.03.2017.**

Ivan Bartolo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv